



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9773/24

SPORT 51
SAN 272
SOC 350

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport awtoorganizzat għall-appoġġ ta' stili ta' ħajja attivi u sani fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tat-13 u l-14 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport awtoorganizzat għall-appoġġ ta' stili ta' ħajja attivi u sani fl-Unjoni Ewropea

**IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGħIN FIL-KUNSILL,**

FILWAQT LI JFAKKRU:

1. fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompetenza li twettaq azzjonijiet fil-qasam tal-isport biex jiġu appoġġati, ikkoordinati u ssupplimentati l-azzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll fl-Artikolu 165, li skontu l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kwistjonijiet Ewropej tal-isport, filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-isport, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq il-volontarjat, u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu.
2. Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2021-2024¹ u l-qasam ta' prijorità dwar il-promozzjoni "tal-parteciġazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa", kif ukoll l-oġettiv ta' gwida li tiżdied "il-parteciġazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa sabiex jiġu promossi stil ta' ħajja attiv u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva".
3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa (HEPA)², li tenfasizza li l-benefiċċji tal-attività fiżika tul il-ħajja, inkluż attività fiżika u eżerċizzju regolari, huma importanti ħafna.

¹ Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Jannar 2021 – 30 ta' Ġunju 2024), ĠU C 419, 4.12.2020, p. 1.

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa, ĠU C 354, 4.12.2013, p. 1.

4. Ir-riżultati tal-Ewrobarometru Speċjali 525 dwar l-isport u l-attività fiżika, li jikkonkludi li għad hemm hteġa kbira li jiġu promossi l-isport u l-attività fiżika regolari, b'mod partikolari fost iċ-ċittadini li għandhom iktar minn 24 sena, li l-attività fiżika tagħhom għandha tendenza li tonqos mal-età³.
5. Il-Karta Ewropea tal-Isport riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa, li għandha l-għan li tagħmilha possibbli li kull individwu jipparteċipa fi sport u b'mod partikolari li jiġi żgurat li kulħadd ikollu l-opportunità jieħu sehem fi sport f'ambjent sikur, sigur u san⁴.
6. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar approċċ integrat għall-politika tal-isport: governanza tajba, aċċessibbiltà u integrità⁵, b'mod partikolari l-paragrafu 75, li jappella lill-Istati Membri biex jallokaw aktar fondi biex jinfetħu grounds tal-isport u playgrounds pubbliċi sabiex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà faċli għall-isport tal-massa.

FILWAQT LI JINNOTAW:

7. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, l-isport awtoorganizzat huwa meqjus bħala l-forom kollha ta' attività fiżika li jistgħu jseħħu f'ambjenti informali, ġeneralment waqt il-ħin ta' rikreazzjoni, li ma jsegwux regoli tal-isport formali stretti, u li mhux neċessarjament jinvolvu format kompetittiv. Dawn l-attivitajiet jistgħu jseħħu f'ambjenti lokali u informali, bħal parks u viċinanze, iżda wkoll f'infrastrutturi tal-isport, b'mod kemm individwali kif ukoll kollettiv, bħal mal-ħbieb, kollegi u membri tal-familja.

³ Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 525, "L-Isport u l-Attività Fiżika (2022)", 2268/SP525, Rapport sħiħ, p.6, Settembru 2022.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Karta Ewropea tal-Isport riveduta CM/Rec(2021)5. Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-13 ta' Ottubru 2021 fl-1414-il laqgħa tal-Viċi Ministri, Artikolu 1(1)(b).

⁵ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar approċċ integrat għall-politika tal-isport: governanza tajba, aċċessibilità u integrità (2016/2143(INI)), ĠU C 252, 18.7.2018, p. 2.

8. It-tendenza li qed tiżdied tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tinvolvi ruħha f'attività fiżika fi spazji differenti, u li tirrikorri aktar għal ambjenti informali, bħal parks, żoni fil-miftuħ oħra jew id-dar, sabiex tagħmel sport u attività fiżika f'punt partikolari tal-ħajja⁶.
9. Wieħed minn kull tliet adulti Ewropej ma jsegwux il-linji gwida tal Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar l-attività fiżika u kważi nofshom qatt ma jagħmlu eżerċizzju jew sport, b'rati aktar baxxi għan-nisa, il-persuni akbar fl-età u l-gruppi ta' livell soċjoekonomiku aktar baxx⁷.
10. Ir-riżultati dwar l-istili ta' ħajja sedentarji juru li kważi 40 % tal-Ewropej iqattgħu aktar minn ħames sigħat u nofs fil-ġurnata bil-qiegħda, b'rati aktar għoljin għall-ħaddiema mhux manwali, il-maniġers, l-istudenti u l-persuni qieghda⁸.
11. L-ostakli ewlenin għall-prattika tal-isport, kif identifikati f'diversi studji, huma n-nuqqas ta' ħin iddedikat għall-isport, in-nuqqas ta' motivazzjoni, il-kostijiet u l-problemi tas-saħħa u n-nuqqas ta' interess f'attivitajiet kompetittivi⁹. L-isport awtoorganizzat jista' wkoll jgħin biex jingħelbu xi wħud minn dawn l-ostakli u jhegġegħ il-parteciċipazzjoni fl-isport billi jipprovdi opzjonijiet utli għall-parteciċipazzjoni fir-rigward tal-ħin, l-impenn, it-tagħmir, l-infrastruttura u l-kost meħtieġa.

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 525, "L-Isport u l-Attività Fiżika (2022)", 2268/SP525, Rapport sħiħ, p.35-38, Settembru 2022.

⁷ OECD/WHO (2023), Step Up! Tackling the Burden of Insufficient Physical Activity in Europe (Nagħmlu Sforz! Indirizzar tal-Piż ta' Attività Fiżika Insuffiċjenti), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, p.25.

⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 525, "L-Isport u l-Attività Fiżika (2022)", 2668/SP525, Rapport sommarju, p.31, Settembru 2022.

⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 525, "L-Isport u l-Attività Fiżika (2022)", 2668/SP525, Rapport sommarju, p.18, Settembru 2022.

FILWAQT LI JENFASIZZAW LI:

12. L-isport awtoorganizzat, flimkien mal-isport organizzat, jista' wkoll jaqdi rwol pożittiv fiż-żieda tal-prattika tal-isport u l-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa sabiex jiġi promoss stil ta' ħajja attiv, san u sostenibbli, kif ukoll il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva.
13. Il-forom kollha tal-isport, b'mod partikolari l-isport organizzat u awtoorganizzat, hemm bżonn li jitqiesu bħala komplementari fl-appoġġ għal stili ta' ħajja attivi u sani, b'potenzjal sinifikanti li jkunu ta' benefiċċju reċiproku.
14. Hemm nuqqas ta' studji u data Ewropej disponibbli speċifikament dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fi sport awtoorganizzat.
15. L-investment fi kwalunkwe forma ta' parteċipazzjoni fi sport tista' tiġġenera redditu soċjali pożittiv fuq l-investment (SROI)¹⁰.
16. Il-prattika ta' sport awtoorganizzat għandha tkun sikura u aċċessibbli għal kulħadd; għandha tkun ambjentata fejn kulħadd jista' jeżerċita b'mod sikur – irrispettivament mill-ġeneru, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, il-kundizzjoni fiżika, id-diżabilità jew l-isfond.
17. Is-soluzzjonijiet diġitali jista' jkollhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u l-promozzjoni tal-attività fiżika; dawn jipprovdu appoġġ siewi għall-prattika tal-isport, u jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-organizzazzjonijiet sportivi jiksibu għarfien aktar profond u jipprovdu appoġġ lill-individwi involuti fi sport awtoorganizzat.
18. L-individwi involuti fl-isport awtoorganizzat għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn gwida u informazzjoni adegwati biex jgħinuhom jisfruttaw aħjar ir-riżorsi u l-ġhodod disponibbli, bħall-media soċjali u l-applikazzjonijiet diġitali u l-ġhodod relatati mas-saħħa, l-isport u l-idoneità fiżika.

¹⁰ OECD/WHO (2023), Step Up! Tackling the Burden of Insufficient Physical Activity in Europe, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, p.25.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI:

19. Fir-rigward tas-saħħa, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali,

- a) jippromwovu u jappoġġaw politiki li jrawmu l-prattika tal-isport awtoorganizzat bħala mezz li jhegġegħ l-attività fiżika u l-isport tul il-ħajja u li jippromwovi l-benefiċċji tagħhom għall-benesseri u għas-saħħa fiżika u mentali fost il-popolazzjoni¹¹;
- b) iħeġġu l-isport awtoorganizzat ukoll bħala mezz għall-prevenzjoni ta' riskji relatati ma' mard li ma jitteħidx u l-promozzjoni tal-HEPA, pereżempju fl-iskejjel, fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa (inkluż id-djar tal-kura), fuq il-post tax-xogħol u permezz ta' avvenimenti miftuħa bbażati fil-komunità¹²;
- c) jippromwovu l-parteċipazzjoni fi sport f'ambjenti informali fost iċ-ċittadini urbani u rurali li jgħixu f'żoni li ma għandhomx biżżejjed faċilitajiet sportivi u spazji pubbliċi adatti għall-prattika tal-isport;
- d) jesploraw il-potenzjal tal-preskrizzjoni tal-attività fiżika bħala mod kif jiġu promossi l-isport u l-attività fiżika f'ambjenti organizzati u informali¹³. Il-professjonisti tas-saħħa jista' jkollhom rwol ewlieni fir-rakkomandazzjoni u l-inkoraġġiment tal-involvement fi sport jew attività fiżika adatta għall-istatus tas-saħħa ta' kull individwu, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' professjonisti kwalifikati tal-isport.

¹¹ B'mod partikolari fost in-nisa, it-tfal, iż-żgħażaġħ, il-persuni akbar fl-età, il-persuni iżolati, il-persuni b'diżabilità jew b'mard kroniku, il-persuni inattivi, il-persuni b'rizersi finanzjarji limitati u l-minoranzi.

¹² Attività li hija organizzata u li sseħħ lokalment.

¹³ Tali inizjattivi jistgħu jiġu kofinanzjati wkoll permezz tal-Fond Soċjali Ewropew+ u l-EU4Health.

20. Fir-rigward tal-prattika tal-isport,

- a) jappoġġaw inizjattivi ta' politika, miżuri u kampanji pubbliċi li jippromwovu l-benefiċċji u l-aċċessibbiltà tal-isport u l-attività fiżika, inkluż f'ambjenti informali, fost il-popolazzjoni, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
- b) fejn xieraq, jipproduċu u jxerrdu linji gwida, f'kollaborazzjoni mal-moviment sportiv, dwar modi kif wieħed jinvolvi ruħu fi sport awtoorganizzat, pereżempju dwar taħriġ u rutini ta' sikurezza;
- c) jippromwovu l-iżvilupp, fejn possibbli, ta' għodod li jippermettu lill-individwi li jipprattikaw sport awtoorganizzat isibu gwida u jidentifikaw persunal kwalifikat b'mod faċli, b'mod partikolari kowċis¹⁴, li jkollhom taħriġ iċċertifikat;
- d) jippromwovu u jappoġġaw inizjattivi bbażati fil-komunità li jħeġġu l-parteċipazzjoni fi sport f'ambjenti informali f'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, il-klabbs sportivi, il-klabbs tal-idoneità fiżika, l-assoċjazzjonijiet tal-persuni akbar fl-età u l-assoċjazzjonijiet tal-viċinat;
- e) fejn xieraq, jikkooperaw mal-moviment sportiv biex tiġi żviluppata jew estiża l-firxa ta' attivitajiet fiżiċi rikreattivi offruti fil-klabbs sportivi;
- f) iqajmu kuxjenza dwar ir-riskji potenzjali¹⁵ assoċjati mal-użu tal-media soċjali u l-applikazzjonijiet u l-għodod diġitali relatati mas-saħħa, l-isport u l-idoneità fiżika, pereżempju permezz ta' kampanji ta' informazzjoni. Madankollu, tali media soċjali u applikazzjonijiet u għodod diġitali jistgħu jkunu utli wkoll biex jimmotivaw u jsostnu l-attività fiżika fost il-popolazzjoni.

¹⁴ Kif definiti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà, ĠU C 423, 9.12.2017, p. 6.

¹⁵ Eżempji ta' dawn jinkludu metodi ta' taħriġ mhux xierqa, ir-rwol tal-influenzaturi tal-isport u tal-idoneità fiżika, l-effett tal-media soċjali fuq l-immaġni tal-ġisem, u r-reklamar ta' prodotti li jtejb u l-prestazzjoni.

21. Fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet, it-tagħlim mhux formali u informali, u l-volontarjat,
- a) jistinkaw biex jipprovdu opportunitajiet ta' kwalità u rikonoxxuti għall-iżvilupp ta' ħiliet għall-ħarrieġa, il-kowċis u l-voluntiera, inkluż dawk li jaħdmu f'ambjenti informali, b'enfasi fuq il-ħiliet tal-moviment, is-sikurezza u t-tgawdija;
 - b) jikkunsidraw il-ħolqien ta' inċentivi għall-kowċis u l-voluntiera tal-isport organizzat biex jikkontribwixxu għal firxa ta' Prattiki Sportivi u jirrikonoxxu l-isforzi tagħhom fejn xieraq, pereżempju permezz ta' ċertifikati onorarji, premjijiet, jew rikonoxximenti pubbliċi;
 - c) iħeġġu l-prattika ta' sport awtoorganizzat f'ambjenti ta' tagħlim mhux formali u informali, b'mod partikolari fost it-tfal u ż-żgħażaġh li jistgħu jitgħallmu ħiliet ġodda permezz ta' attivitajiet fiżiċi rikreattivi, jiżviluppaw il-ħiliet bażiċi meħtieġa biex wieħed ikompli jipparteċipa fl-isport organizzat, u jitgħallmu kif jipprattikaw sport b'mod sikur.
22. Fir-rigward tal-ippjanar spazjali u l-infrastruttura,
- a) jappoġġaw politiki li jippromwovu l-ħolqien ta' infrastruttura pubblika sostenibbli u aċċessibbli, bħal parks, mogħdijiet, playgrounds u spazji attivi¹⁶, fejn ikun konvenjenti għall-popolazzjoni li tinvolti ruħha fi sport awtoorganizzat;
 - b) jippromwovu l-kooperazzjoni transettoralji bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-moviment sportiv u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-infrastruttura tal-isport fil-politiki tal-ippjanar spazjali, sabiex jinħolqu spazji fejn kull tip ta' sport u attività fiżika jkun jista' jiġi prattikat faċilment u jkun aċċessibbli faċilment;

¹⁶ Tali infrastruttura spiss tkun ikkaratterizzata minn innovazzjoni, flessibbiltà u modularità u tista' titqiegħed f'postijiet differenti abbażi tar-rutini ta' kuljum ta' individwu.

- c) ikomplu jippromwovu l-mobbiltà attiva, bħall-mixi, iċ-ċikliżmu u forom oħra ta' vjaġġar attiv ta' kuljum, kif ukoll l-iżvilupp ta' korsiji għar-roti u rotot pedonali;
- d) fejn possibbli, jgħinu biex l-infrastruttura pubblika tal-isport issir aċċessibbli għall-individwi involuti fi sport awtoorganizzat;
- e) iħeġġu l-integrazzjoni tal-iżvilupp reġjonali tal-isport, inkluż l-infrastruttura tal-isport tal-viceinat, permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

23. Fir-rigward tas-soluzzjonijiet diġitali,

- a) jippromwovu l-użu ta' pjattaformi diġitali biex ixerrdu aħjar l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-faċilitajiet sportivi fost il-popolazzjoni u jtejbu l-viżibbiltà tagħhom, pereżempju informazzjoni dwar id-disponibbiltà, il-kundizzjoni jew ir-rata ta' okkupanza;
- b) jesploraw il-għbir u l-użu ta' data għall-immappjar u l-valutazzjoni tal-attivitajiet sportivi ta' individwi involuti fi sport awtoorganizzat, kif ukoll il-ħtiġijiet potenzjali tagħhom.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI:

- 24. Tkompli tippromwovi l-forom kollha ta' parteċipazzjoni fl-isport permezz tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport u kampanji futuri ta' sensibilizzazzjoni relatati mal-promozzjoni tal-isport u l-attività fiżika.
- 25. Tippermetti diskussjonijiet fil-livell Ewropew dwar inizzjattivi u prattiki tajba, sabiex l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet sportivi jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom ma' individwi involuti fi sport awtoorganizzat.

26. Fir-rigward tal-ippjanar spazjali u l-infrastruttura,

- a) tkompli tippromwovi l-użu tal-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti – b'mod partikolari l-FEŻR, il-FSE+, il-Programm LIFE u l-RRF – sabiex jiġu żviluppati aktar spazji pubbliċi u infrastruttura tal-isport aċċessibbli u sostenibbli, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- b) tqajjem kuxjenza dwar l-inizjattiva SHARE 2.0, li għandha l-għan li tagħti struttura lill-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-għarfien dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE, is-saħħa, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà, u ssaħħaħhom.

27. Fir-rigward tad-disponibbiltà tal-evidenza u d-data,

- a) tqis l-isport awtoorganizzat fi sħarriġiet u studji futuri sabiex tikkontribwixxi għad-disponibbiltà ta' data siewja dwar ix-xejriet attwali u l-prattiki tal-isport assoċjati mal-isport awtoorganizzat;
- b) tkompli tibni fuq ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2021 "Mapping of innovative practices in the EU to promote sport outside of traditional structures" (Immappjar ta' Prattiki Innovattivi fl-UE għall-promozzjoni tal-isport barra mill-istrutturi tradizzjonali)¹⁷, li jipprovdi fehim ta' kif il-prattika tal-isport qed tevolvi fis-soċjetà tal-lum u kif il-moviment sportiv qed jadatta għal din l-evoluzzjoni, billi tqis u timmonitorja żviluppi ulterjuri, inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni HEPA¹⁸.

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġh, l-Isport u l-Kultura, Mapping of innovative practices in the EU to promote sport outside of traditional structures, Final report to the European Commission, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.

¹⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa, ĠU C 354, 4.12.2013, p. 1.

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV U LIL PARTIJIET IKKONĊERNATI OĦRA:

28. Ikomplu jikkollaboraw mal-awtoritajiet pubbliċi rigward it-tfassil ta' politiki tal-isport li jwieġbu għall-forom kollha ta' Prattiki tal-isport, inkluż l-isport awtoorganizzat, u jadattaw il-firxa ta' sport offrut għal xejriet reċenti fl-istil ta' ħajja u aspettattivi ġodda fost il-popolazzjoni.
29. Jikkooperaw aktar dwar modi kif jiġu kondiviżi r-riżorsi (faċilitajiet u tagħmir) ma' dawk li mhumiex membri ta' klabbs sportivi, sabiex jippromwovu l-parteċipazzjoni fl-isport u l-attività fiżika f'ambjenti informali.
30. Jorganizzaw avvenimenti sportivi fil-livell komunitarju li jinvolvu kemm kompetizzjonijiet kif ukoll attivitajiet sportivi rikreattivi, u jippromwovu forum ta' mentoraġġ għal individwi involuti fi sport awtoorganizzat minn kowċis u atleti volontarji (pereżempju dwar linji gwida dwar is-sikurezza jew it-taħriġ).
31. Iħeġġu lill-klabbs sportivi jinkorporaw elementi ta' flessibbiltà sabiex l-individwi jipprattikaw l-isport liberament mingħajr skedi, prenotazzjonijiet jew il-ħtieġa li jkunu parti minn tim.
32. Irawmu l-iżvilupp ta' firxa ta' attivitajiet sportivi rikreattivi fi klabbs sportivi sabiex jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom u jattiraw parteċipanti ġodda.

REFERENZI:

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà, ĠU C 423, 9.12.2017, p. 6.
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2021-2024, ĠU C 419, 4.12.2020, p. 1.
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru tas-settur tal-isport, ĠU C 214I, 29.6.2020, p. 1.
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni transettorjali għall-benefiċċju tal-isport u l-attività fiżika fis-soċjetà, ĠU C 419, 4.12.2020, p. 18.
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-attività fiżika tul il-ħajja, ĠU C 501I, 13.12.2021, p. 1.
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli, ĠU C 170, 25.4.2022, p. 1.
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport, ĠU C 494, 28.12.2022, p. 1.
- Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġh, l-Isport u l-Kultura, Mapping of innovative practices in the EU to promote sport outside of traditional structures – Final report to the European Commission, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.
- Il-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 525, L-Isport u l-Attività Fiżika (2022)", 2668/SP525, Settembru 2022.